**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2018**

**Talba Numru: 233/2018 AM3**
**Numru fuq il-Lista: 45.**

**Luke Tabone (I.D. 232484M)**

**5/3, Gorg Borg Olivier Street,**

**Sliema**

**Vs**

**Melissa Dianne Speiger (I.D. 16501L)**

**Shadow Bridge, Flat 4,**

**Stella Maris Street,**

**Sliema**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mill-attur fit-23 ta' Mejju, 2018 li permezz tieghu talab minghand il-konvenuta il-hlas ta' tlett elef sitt mija u tmintax-il ewro u hamsa u tmenin centezmu (€3,618.85c) mislufa lill-intimata u mhallsa direttament lil St Martin's College ghan-nom u fuq inkarigu tal-istess intimat sabiex tirregistra lil bintha minuri fl-istess skola.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitamenta notifikata bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bl-Avviz tas-seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-termini preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mill-attur u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Sema' lill-attur jikkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut.

Għaldaqstant, peress li t-talba tal-attur tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, t-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' tlett elef sitt mija u tmintax-il ewro u hamsa u tmenin centezmu (€3,618.85c).

L-ispejjeż inkluzi dawk tal-ittra ufficjali a karigu tal-konvenuta

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**